**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**Vs**

**Brian Spiteri**

Kump Nru: 1080/2010

Illum 9 ta' Ottubru 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Brian Spiteri detentur ta-karta ta' l-identita' numru 148269M

1. Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn l-20 u 21 ta' Ottubru 2010 f'xi hin bejn is-sitta ta' filghaxija (18.00hrs) u l-erbgha ta' filghodu (04.00hrs) gewwa San Pawl il-Bahar ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Stanley Chircop skont ma gie ccertifikat minn Dr Christian Camenzuli MD Reg no 5222 tal-Isptar Mater Dei
2. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi saq karozza b'mod traskurat, perikoluz jew negligenti.
3. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' ghamel xi hsara f'diversi karozzi waqt li kien fi Triq it-Turisti f'San Pawl il-Bahar liema hsara tammonta ghal aktar minn 116.50 euros u anqas minn 23,300 euros ghad-dannu ta' terzi persuni.
4. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi seraq mobile phone tal-marka Nokia liema mobile phone jiswa aktar minn 233 euros u

anqas minn 2330 euros ghad-dannu ta' Stanley Chircop liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-hin;

5. U aktar talli fil-21 ta' Ottubru 2010 u fil-granet ta' qabel gewwa diversi postijiet fil-Gzejjer Maltin gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Angie Borg jew b'xi mod kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta fastidju ghal din il-persuna;
6. U aktar talli fil-21 ta' Ottubru 2010 u fil-granet ta' qabel gewwa diversi postijiet fil-Gzejjer Maltin l-imgieba tieghu ikkagunat lil Angie Borg biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet.

Il-Qorti ntalbet li f'kaz ta' htija tordna lill-imsemmija persuna jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq. Il-Qorti ntalbet li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat Brian Spiteri bhala li sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula. Il-Qorti hija mitluba li minn issa tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuni u r-residena taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fl-artikoli indikati.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat li fil-lejl inkwistjoni kkaguna ferita gravi fuq Stanley Chircop, bi hsara volontarja f'diversi karozzi, li saq

b'mod traskurat, perikoluz jew negligenti; li seraq mowbajl ghad-dannu tal-istess Stanley Chircop; u li ffastidja u kkaguna biza' lil Angie Borg dakinhar u fil-granet ta' qabel.

Illi fl-20 ta' Frar 2013, Stanley Chircop ddikjara li qieghed jahfer lill-imputat u rrinunzja ghal kull azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat fejn din hija rinunzjabbli u ddikjara li m'ghandu l-ebda pretensjoni fil-konfront ta' l-imputat rigward xi danni sofferti.

Mill-atti jirrizulta li fl-20 ta' Ottubru 2010 fit-3.30a.m., Stanley Chircop mar l-ghassa tal-Qawra sabiex jaghmel rapport li waqt li kien qieghed f'Bugibba, San Pawl il-Bahar gie attakkat minn ragel. Irrizulta li Chircop kien qieghed fil-kumpanija ta' certu Angie Borg. Dawn it-tnejn kienu hargu flimkien u qabel ma' kien wassal lil Angie Borg id-dar kienu appartaw ruhhom gewwa ghalqa fejn il-knisja tal-Qawra (li tigi vicin id-dar ta' Angie Borg) fil-karozza ta' l-imputat li hija Toyota Starlet Bajda, Registrazzjoni Numru HAU 096. Waqt li kienu fil-karozza giet karozza ohra hdejhom. Ix-xufier ta' din il-karozza rrizulta li kien Brian Spiteri, l-imputat odjern, li kien l-ex-sieheb ta' Angie Borg u missier it-tarbija taghha.

Illi f'dawn il-proceduri la l-imputat u lanqas il-parte leza ma xehdu anki ghaliex il-parte leza dak iz-zmien kellu wkoll proceduri kriminali fil-konfront tieghu rigward dan l-incident li llum huma decizi. Oltre' dan kif diga' inghad l-imputat u l-parte leza hafru lil xulxin. Il-versjonijiet taghhom li taw a tempo vergine jirrizultaw mix-xhieda ta' l-Ispettur Therese Sciberras u dawn huma versjonijiet kunfliggenti.

L-imputat irrilaxxja stqarrija fil-21 ta' Ottubru 2010 wara li kellem lill-avukat qabel ma rrilaxxja l-istess izda ma kellux dritt ghall-avukat waqt l-interrogatorju. Abbazi tal-insenjamenti riportati fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lawrence Darmanin**[1]**,** il-Qorti tqis li ma kien hemm l-ebda raguni impellenti ghalfejn huwa kellu jigi mcahhad mill-jedd li jkollu assistenza legali qabel ma rrilaxxja l-istqarrija tieghu li tenut kont li lanqas il-parte leza ma xehed u Angie Borg kienet pjuttost evaziza fix-xhieda taghha, l-istqarrija tista' tkun determinanti ghas-sejbien ta' htija. Ghalhekk l-istqarrija qeghda titqies bhala inammissibbli bhala prova.

[1] Qorti tal-Appell Kriminali deciza fl-4 ta' Lulju 2019

Angie Borg xehdet[2] li hija kellha relazzjoni ma' Brian Spiteri li damet is-snin u ghandhom tifla. Fil-lejl inkwistjoni hija kienet harget ma' Stanley Chircop. Filghodu kienet tkellmet ma' Brian Spiteri fuq it-tifla u qaltlu biex ihalliha bi kwietha. Hija xehdet li filghaxija hija kienet marret go hanut ma' Chircop f'Bugibba imbaghad marru fl-ghalqa fejn il-Knisja u baqghu fil-karozza ta' l-vicin fejn toqghod hija. Hija xehdet li hekk kif kienu hemm Brian Spiteri mar hdejhom bil-karozza tieghu u pparkja mal-bieba tan-naha fejn kien Chircop. Brian Spiteri hareg ghaliha, beda jghajtilha b'isimha, fethilha l-bieba, beda jgebbidha minn saqajha u lil Stanley Chircop bdiet tghidlu li se joqtolha u Chircop saq bil-bieba miftuha b'kollox biex jaharbulu. Bdew iduru mat-toroq u sabu lil Brian Spiteri ma' wicchom u xehdet li baqa' diehel go fihom. Waqaf u qalilha biex tohrog mill-karozza u hija bezghet u telqet tigri lejn id-dar. Hija xehdet li Chircop ma kienx qieghed isuq b'xi velocita' eccessiva. Inkwantu ghall-imputat xehdet li hija kellha diversi drabi taghmillu rapport ghax kien ikollhom il-glied jew jerfa' jdejh fuqha.

Jirrizulta li kien hemm glieda bejn l-imputat u l-parte leza ghaliex fuq it-tnejn irrizultaw feriti u li ntuzat crock lock. Mir-rapport tal-espert Dr Mario Scerri[3] jirrizulta li Stanley Chircop sofra diversi griehi li fil-maggiorparti taghha kienu hfief izda kellu wkoll lacerazzjonijiet fuq in-naha tax-xellug tal-mohh u taht l-ghajn ix-xellugija li gew suturati u li jibqghu bhala marka permanenti fil-wicc. Dan ukoll hekk kif gie kkonfermat minn Dr Christian Camenzuli li ezamina lil Stanley Chircop fl-emergenza[4]. Billi Chircop ma xehedx u ma tressqux provi ohra li jissustanzjaw l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti ma tistax hlief ma ssibx lill-imputat hati tal-istess.

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni referenza ssir ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Andre Apap**[5] fejn inghad:

*"Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157) inghad:*

---

[2] Seduta tal-15 ta' Novembru 2010
[3] Dok MS a fol 69 et sequitur tal-process
[4] Xhieda tal-21 ta' Novembru 2012
[5] Qorti ta' l-Appell Kriminal moghtija fl-4 ta' Frar, 2011

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. **Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. **Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.*

*Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara **The Police vs Charlotte Chamberlain,** Appell Kriminali, 21/5/96)".*

Illi l-imputazzjoni li l-imputat saq b'mod traskurat, negligenti jew perikoluz lanqas ma tirrizulta mill-provi prodotti.

Jirrizulta wkoll li zewg vetturi ta' terzi garrbu hsarat. Madankollu ma giex ippruvat li kien l-imputat li kkaguna l-hsarat fuq il-vetturi ta' dawn it-terzi. L-istess jinghad ghar-raba' imputazzjoni.

Inkwantu ghall-hames u s-sitt imputazzjonijiet, Angie Borg xehdet principalment fuq l-incident li sehh fil-gurnata tal-21 ta' Ottubru 2010 u ghalkemm issemmi li kien hemm glied regolari bejniethom ma tispecifikax il-perjodu u x'kien jigri. Tghid li ghamlet diversi rapport l-Ghassa izda hemm rapporti ma gew prezentati.

Ghalhekk tali imputazzjonijiet lanqas ma gew ippruvati.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**